**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru 10/2010</u>**

Il-Kumitat iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ

Data: Nhar it-Tlieta 15 ta' Frar fl-4:30pm.

Preżenti għal-Laqgħa

Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson

Is-Sur Emanuel Debono – Vici Chairperson

Is-Sur Joseph Zammit – Membru

Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku

Is-Sur Carmelo Grima Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sinjura Carmen Camilleri tat ir-riżenja tagħha nhar il-Ħamis 3 ta' Frar 2011 u għalhekk il-Kumitat ta' Marsalforn jikkonsisti f'4 membri.

Is-Sur George Sacco kien skużat billi dan jinsab imsiefer.

Ippresediet il-laqgħa iċ-Chairperson Maria Saliba

**Talba**

IL-Laqgħa bdiet bit-talba miċ-Chairperson Maria Saliba.

**APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-Laqgħa Nru 9/2010**

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti ġew approvati u ffirmati.

**SKART MAĦŻUN**

Il-Kumitat inġibditlu l-attenzjoni għal kamra fi Triq Għar Qawqla li qed tkun mimlija skart maħżun biex jiġi trasportat aktar tard. Din qed tħalli rieħa disgustanti u r-residenti qed jilmentaw. Is-Segretarju għandu jikteb lill-Gozo Tourism Association u lil Calypso Hotel.

**Dħul mit-Tickets**

Is-Sur Emanuel Debono iddikjara li talab lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ikun jaf id-distribuzzjoni mid-dħul tat-tickets. Hu qal li d-Dipartiment qallu li dawn il-flus imorru għand il-Kumitat ta' Marsalforn. Is-Sindku ċċara din il-kwistjoni billi qal li s'issa il-Kunsilli ma kienu jieħdu xejn iżda imur kollox f'borża waħda biex tkun tista' titħadem is-sistema. Kien il-Kunsill Lokali tar-Rabat (Għawdex) li kien waħdu iżda issa lanqas dan ma għadu. Is-Sindku qal li qabel ir-Rabat kien jibqagħlu l-flus mis-sistema tal-Wardens. Hekk kif ikun hemm tibdil fis-sistema, il-Kumitat ta' Marsalforn jiġi mgħarraf b'dan.

**Talbiet għall-Provista ta' Dawl Elettriku Temporanju**

Kien hemm 3 talbiet għal Dawl Elettriku temporanju. Dawn kienu:-

(1) Jason Axiaq – Il-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni
(2) Maria Homoki – il-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni
(3) Josanne Pace – il-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni.

**Bumping Cars**

Il-Kumitat irċieva talba għal stallazzjoni ta' Bumping Cars. Il-Kumitat iddiskuta din it-talba fit-tul speċjalment l-impatt li dan jista' jkollu għat-traffiku u għas-sigurta tat-tfal. Il-Kumitat

iddeċieda li ssir site inspection mas-sid tal-Bumping Cars. L-approvazzjoni mill-Kumitat ta' Marsalforn hija suġġetta għal din l-ispezzjoni fuq is-sit.

**Railing tal-ħadid fil-Bajja ta' Marsalforn**

Is-Segretarju nforma lill-Kumitat li saret laqgħa bejn iċ-Chairperson, is-Sindku, is-Segretarju u rappreżentanti tal-Ministeru għal Għawdex (Taqsima Turiżmu) fuq is-suġġett ta' hawn fuq. Il-Gvern Ċentrali lest li jagħti l-ħaddiema biex jirranġa l-puġġamani tal-ħadid, inaddaf is-sies ta' taħt Triq Santa Marija u l-bżonnijiet li jkun hemm bżonn. Il-Kumitat / Kunsill joħorġu l-kanen galvanizzati. Inġibdet l-attenzjoni biex dawn il-poġġamani jsiru ta' Stainless Steel. Is-Sindku rrimarka li għal Marsalforn ser ikun hemm somma ta' flus mill-Gvern Ċentrali u għalissa mhux tal-fehma li jintefqu flus żejda. Is-Segretarju għandu jmexxi l-kwotazzjoni biex ix-xogħol isir kemm jista' jkun mgħaġġel.

**Talba għal attivita.**

Il-Kumitat intalab l-approvazzjoni minn Anthony Camilleri biex fil-5 u s-6 ta' Marzu jorganizza attivita  u jpoġġi mwejjed fuq il-Promenade quddiem il-Blokki. Il-Kumitat iddiskuta din it-talba iżda ħareġ bid-deċiżjoni li billi l-Kunsill ta' Marsalforn kellu policy li ma japprovax permessi simili, il-Kumitat ser ikompli bl-istess policy.

**Talbiet**

**Ilment Nru 03/2011** Dan l-ilment kellu 3 talbiet:- a) Tabella biex titwaħħal mill-ġdid fil-Menqa fejn id-Dgħajjes. Din ġiet approvata mill-Kumitat. B) Biex tiġi mwaħħla tabella (No Waiting / No Stopping) ħdejn il-Lantern Hotel. Din ma ġietx approvata. C) Tabella (No Stopping) fi Triq il-Forn / Triq Santa Marija (wara l-Kartell Restaurant). Din ġiet approvata iżda għandha tgħaddi mill-Kunsill taż-Żebbuġ.

**Ilment Nru 02/2011** Graziella Agius talbet li tissewwa l-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kumitat iddeċieda li s-Segretarju jagħmel site inspection u jirraporta lill-Kumitat.

**Ilment Nru 01/2011** Charles Attard talab biex titranġaa r-rampa li tkissret bl-inġenji tqal. Hawnhekk is-Sindku ddikjara li din it-triq għandha ssir bit-tarmak, u għalhekk it-talba tkun diskussa aktar 'il quddiem.

**Stallazzjoni ta' Lampi dekorattivi u sistema ġdida ta' Dawl.**

Is-Sindku ta nformazzjoni lill-Kumitat li l-Kunsill / Kumitat ta' Marsalforn ser jieħu Ewro 152,000 biex jitwaħħlu 50 Fanal dekorattiv fuq in-naħa tal-Baħar jibda minn Triq Santa Marija u jibqa' sejjer sal-wesgħa ta' quddiem Emidio Azzopardi. Il-Kumitat li sa dan il-ħin kien jaħseb li dawn il-fondi ser jinqatgħu mill-Kumitat ta' Marsalforn approvaw il-proġett u rringrazzjaw lill-Kunsill taż-Żebbuġ li tħabat u stinka għal dan il-proġett.
Is-Sindku qal ukoll li ġew approvati żewġ sets ta' Fanali dekorattivi għal Triq is-Sajjied. Dawn jiswew bejn l-10,000 u t-12,000 ewro. 'Il quddiem hemm il-possibilita' kbira li Marsalforn jingħata somma ta' flus biex ikompli jsebbaħ l-ambjent.

**Affarijiet oħra**

Is-Sur Emanuel Debono ġibed l-attenzjoni għal bieba ta' arblu tad-dawl li tinsab miksura. Il-Kumitat approva din it-tiswija
Is-Sur Emanuel Debono ġibed l-attenzjoni għal-Litter Bins biex ikunu bil-borża tal-plastik.
Ic-Chairperson qalet li l-bozza li kellha tiġi spustjata aħjar titneħħa kompletament. – il-Kumitat approva din it-talba

**Bus Shelters** Ic-Chairperson qalet li hemm Flexi Glass miksur. Il-Kumitat approva t-tiswija meħtieġa.

**Bus Shelter tat-Terminus.** Il-Kumitat iddikjara li din il-Bus Shelter għandha tinbidel.

Triq li tagħti għal Villa Fiorita. Iċ-Chairperson Maria Saliba talbet l-approvazzjoni għal tiswija ta' din it-triq. Is-Segretarju qal li t-Tender għal patching ħarġu u għandhom jagħlqu fil-25 ta' dan, iżda c-Chairperson qalet li din it-triq hija tat-torba. L-aħjar ħaġa li l-ħaddiema tagħna jsewwu din it-triq.

**Il-Laqgħa ntemmet fis-6:30pm**

Maria Saliba
Chairperson

Carmelo Grima
Segretarju Eżekuttiv